# ANAGRAMMI TA' KITTIEBA

*Ta'* NIKOL BIAŃCARDI

L-użu ta' l-anagramma flok il-veru isem ta' l-awtur ta' kitba jew pubblikazzjoni huwa qadim ħafna. L-anagramma hija kelma Grieka li tfisser *Ana*: Lura, u *gramma*: Ittra (ta' l-Alfabet). L-anagramma hija dik l-għamla ta' frażi li tinqara mit-*tmiem* għall-*bidu*, jew billi tħawwad l-ittri u minnhom toħroġ kelma jew isem ieħor. Ingħidu aħna bħal din li bħalkieku qalha Napuljun qabel ġie eżiljat:— *Abel was I ere I saw Elba*, li meta tinqara mit-tmiem għall-bidu tibqa' l-istess. Napuljun bħallikieku jrid ifisser li: *Kont bniedem ta' ħila qabel ma rajt il-Gżira ta' Elba.*

Meta tinqara bil-maqlub, il-Belt Eterna ssir *imħabba*: *Roma — Amor.* U mill-kelma żwieġ (bl-Ingliż), meta tħawwad l-ittri toħroġ ukoll frażi li tfisser *imħabba: Matrimony: Into my arm*, (fi drieghi jew fi ħdani).

Bejn erbgħin u tletin sena ilu kien hawn xejra fost il-kittieba Maltin, u iżjed fost il-ġurnalisti, li wieħed jaħbi ismu taħt anagramma, jiġifieri jibni ismu u konjumu b'ittri ta' isem u kunjom ieħor. Din ma kenitx ħaġa ġdida fid-dinja letterarja. Bħala xempju ta' dan li qegħdin niktbu rridu nsemmu lil *Arrigo Boito*, il-famuż mużiċista u poeta Taljan, li f'xi libretti tiegħu jidher bħala *Tobia Gorrio.* Meta wieħed iħawwad dawn il-ħdax-il-ittra malajr isib kif dan is-Senatur Taljan ħadem l-anagramma ta' ismu.

Minn barra li niseġ il-kliem u l-mużika ta' opri kbar bħal "Mefistofele" u n-"Nerone", Arrigo Boito kiteb il-libretti famużi ta' l-"Otello" u l-"Falstaff" li ġew immużikati minn Ġużeppi Verdi b'sengħa li għaġġbet lid-dinja billi dan l-awtur kien qorob it-80 sena.

Biex nuru kemm kienet ħadet id-drawwa ta' l-anagrammi fost il-kittieba Maltin, l-aktar fil-ġurnali ta' xi 40 u 30 sena ilu, hawn taħt se nuru *bl-ortografija l-qadima* x'uħud minn dawk li għadna niftakru:

| *Anagramma* | *Isem Veru* |
|---|---|
| Aurelio German | Guliermu Arena |
| Giomu C. Sant | Gino Muscat (-Azzopardi) |
| Ros. Catania | C. Satariano |
| Guido Salerno | Giusè Orlando |
| Dan. Bianco-Licari | Nicola Biancardi |
| Tommaso Lupa | Paolo Sammut |
| Car. Salinos | Lino Cassar |
| Don Castro Mula | Muscat-Orlando (jiġifieri Gino Muscat-Azzopardi u Giusè Orlando) |



Dawk li għandhom iżjed minn 40 sena jiftakru lil Guliermu Arena (Aurelio German) bħala l-Editur tal-"Ħmar", folju ċajtier li f'dawk iż-żminijiet kien moqri mill-poplu kollu. Fl-ewwel faċċati ta' dan il-folju jidhru ħafna poeżijiet ta' Arena li kien jikteb b'mod faċli ħafna. Lil Ġino Muscat-Azzopardi (Giomu C. Sant) il-qarrejja ta' din ir-rivista jafuh m'hux biss bħala kittieb u ġurnalista, iżda wkoll b'iben il-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi, l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba.

Ros. Catania (C. Satariano, magħruf bħala Karlu) kien l-id il-leminija ta' Arena u meta l-"Ħmar" ġie iċċensurat u sar "Il-Ħmara", it-tmexxija waqgħet f'idejh. Kien ukoll l-Editur tal-folju umoristiku "Dr. Brombos". Lil Paolo Sammut (Tommaso Lupa) insibuh l-iżjed bħala kittieb ta' xogħlijiet għall-palk. Lino Cassar (Car. Salinos) huwa kittieb tal-lum u nsibuh bħala Editur tal-folju "Ix-Xewka" li beda jixxandar sewwa sew xhur ilu.

Anagramma li rnexxiet bla tqanżiħ kienet dik ta' Ġużè (Giuse) Orlando (Guido Salerno) li tiegħu qrajna r-rumanz "L-Ibleh" u "25 Tqabbila". Ġino Muscat-Azzopardi u Ġużè Orlando kienu jiktbu taħt anagramma waħda (Don Castro Mula) poeżijiet aktarx reliġjużi.

Dnub li fl-antoloġiji li s'issa ħarġu ma nsibu xejn ta' dawn il-kittieba, jew ta' wħud minnhom; tassew li wieħed irid ix-xogħol biex isib poeżijiet tajbin tagħhom, imma, fuq kollox, il-ħidma ta' kompilatur ta' antoloġija hija sewwa sew din: tiftix fil-bibljoteki u mistoqsijiet.

## LIŻ-ŻAGĦŻUGĦ

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Żagħżugħ, jekk int imdejjaq  
għaliex ċaħħduk l-imħabba,  
aqbad id-dmugħ ta' qalbek  
u ixrob sa tixxabba';

u nwegħdek li l-morr kollu  
li dduq mad-demgħat tiegħek  
jimla bil-qawwa 'l sidrek  
u bid-dgħif jagħni 'l driegħek,

biex b'din is-saħħa f'ġismek  
tkun tiflaħ għat-tbatija  
li jtuk mingħajr ma jridu  
l-għedewwa taż-żgħożija.